MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 2504/2000/1

**Victor Caruana**

**Vs**

**Malta International Airport plc**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-**citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi kien impjegat mas-socjeta' Air Malta p.l.c. loader/ambulift.

Premess illi dan ix-xoghol kien jinkludi li l-attur jghin lil dawk il-passiggieri b'dizabilita' biex jitilghu u jinzlu minn fuq l-arjuplani , u dana permezz ta' 'wheelchairs'.

Premess illi dawn il-'wheelchairs' kienu jkunu provduti mis-socjeta' konvenuta.

Premess illi fil-11 ta' Gunju 1998 waqt li l-attur kien qed jaghmel dan ix-xoghol, huwa intlaqat minn 'wheelchair' li irrizulta li giet provdut mis-socjeta' konvenuta minghajr ebda 'brakes'.

Premess illi b'konsegwenza ta' dan l-incident l-attur sofra danni sija ta' natura 'lucrum cessans' kif ukoll ta' natura 'damnum emergens'.

Premess illi dan l-incident sehh tort unikament tas-socjeta' konvenuta u dan minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti.

Premess illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas lill-attur tad-danni lilu kagunati izda baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. tiddikjara li l-incident li sehh fil-11 ta' Gunju, 1998, li fih korra l-attur sehh tort unikament tas-socjeta' konvenuta, u dan minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti.

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur, okkorrendo permezz ta' perit nominandi.

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali u l-imghax kontra s-socjeta' konvenuta. Rappresentanti u diretturi tas-socjeta' konvenuta minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta** a fol. 12 tal-process fejn eccepiet:

Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li :

1. in linea preliminari, is-socjeta' eccipjenti mhijiex il-legittima kontradittrici ta' l-attur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress li fil-mument meta sehh l-incident mertu ta' din il-kawza, l-attur kien qed jaghmel xoghol ghas-socjeta' Air Malta p.l.c., ma liema socjeta' l-attur kien impjegat ;

2. minghajr pregudizzju ghas-siuespost, u fil-mertu is-socjeta' eccipjenti ma kkommettiet ebda tort fil-konfront ta' l-attur u ghalhekk ma tistax tigi tenuta risponsabbli lejn l-attur ;

3. semmai l-incident sehh minhabba negligenza da parti ta' l-attur illi naqas milli josserva l-istruzzjonijiet moghtija lilu u /jew il-prudenza necessarja ; u/jew minhabba forza magguri ;

4. subordinarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-dizabilita' fizjologika illi minnha jbaghti l-attur mhijiex attribwibbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza izda ghal incident iehor li sehh madwar xi sentejn qabel, ghall-liema incident is-socjeta' eccipjenti ma kinitx responsabbli ;

5. id-danni allegati jridu jigu ppruvati ;

Salv eccezzjonijiet permessi mill-ligi.

Rat id-decizjoni taghha tal-10 ta' Ottubru, 2001 a fol. 40 li biha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;

Rat id-digriet a fol 82 li bih gie nominat l-espert mediku Mr.Charles Grixtil;

Rat ir-relazzjoni tieghu a fol 134;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Kontestazzjoni**

L-attur qed jissottometti li s-socjeta' konvenuta naqset li tuza dik id-diligenza ta' *bonus paterfamilias* biex jigi evitat l-incident. Kien hemm diversi rapporti mill-Air Malta dwar il-*wheelchairs*, u sahansitra sa gimgha qabel ma sehh l-incident. Inoltre s-socjeta' konvenuta ma gabitx provi bizzejjed biex tikkonvinci lill dina l-Qorti li huma kienu prudenti fil-manutenzjoni ta' dawn il-*wheelchairs*.

Minn naha l-ohra s-socjeta' konvenuta qed tissottometti li hi dejjem ghamlet hilitha kollha sabiex dawn il-*wheelchairs* jinzammu fi stat u f'kundizzjoni tajba u li juru illi s-socjeta' konvenuta wettqet id-dmirijiet taghha bhala *bonus paterfamilias*. L-attur u l-Air Malta ma kienux infurmaw lis-socjeta' konvenuta bl-incident u saru jafu bih kwazi sentejn wara. Il-*wheelchair* difettuz ma kienx gie rappurtat lilhom u ghalhekk ma giex irtirat u msewwi skond il-proceduri li ghandha s-socjeta' konvenuta.

Is-socjeta' konvenuta qed tissottometti wkoll li zgur kien hemm negligenza kontributorja ta' l-attur ghax minkejja li hu kien jaf li tnejn minn dawn il-*wheelchairs* kienu bla *brakes* huwa xorta wahda tella l-erbgha *wheelchairs* f'daqqa fuq l-ambulift u t-tnejn li kienu bla *brakes* qedhom ghalihom sabiex ikun jista' jzommhom b'saqajh.

**PROVI**

**Kif gara l-incident**

L-attur xehed li dakinhar ta' l-incident kien isejjah ghal fuq *flight* biex inizzel xi passigieri li kellhom bzonn *wheelchairs*. Kellhom bzonn erba *wheelchairs*. Dakinhar hu kien irrapporta li tnejn mill-wheelchairs li kien hemm kienu minghajr *brakes*. Ir-risposta li kellu kienet li ma

setghu jaghmlu xejn u kellu jahdem bihom, ghax kienu izommuh responsabbli ghad *delays*. Tela fuq l-ajruplan bl-ambulift u tela bil-*wheelchairs* sabiex inizzel il-passigieri . Hu kellu jnizzel erba passigieri *f'wheelchairs* u kien wahdu. Ipposizzjona l-*wheelchairs* fuq l-ambulift u t-tnejn li kienu minghajr *brakes* poggiehom ghalihom sabiex ikun jista' jzommhom b'saqajh. Meta beda miexi l-ambulift u dan beda jdur ma l-ajruplan, wiehed minn dawn il-*wheelchairs* rega lura u r-rota tieghu giet fuq saqajh u waqa ma l-art fuq l-ambulift. Il-*wheelchairs* kienu maghmulin tal-hadid.

***Complaints***

L-attur semma li kien hemm dejjem problemi minhabba dawn il-*wheelchairs* u kien jirrapporta ta' spiss minhabba l-istat hazin li kienu jinsabu fih. Hu kien jaghmel il-*complaint* mal-*manager* u dana jiehu hsieb jghaddi l-*complaint* lill MIA. Anke *loaders* ohrajn kienu ghamlu diversi rapporti fuq dawn il-*wheelchairs*. In generali l-problemi kienu jkunu nuqqas ta' *brakes, tyres* imnizzlin, u gieli l-*wheelchairs* kienu jkunu minghajr *foot rest* (ara dokti VC1-4 a fol 93). Huma kienu jipprotestaw li ma kienux ser jahdmu b'dawk il-*wheelchairs* fl-istat li kienu izda l-MIA kienu jghidulhom li dawk kienu l-unici *wheelchairs* li kellhom biex jahdmu. Huma ma kellhomx alternativa ohra ghajr li jahdmu bihom. Kemm damm jahdem hemmhekk l-MIA qatt ma bidlu *wheelchairs*. Kienet haga normali li jiehu hsieb aktar minn *wheelchair* wiehed f'daqqa.

Li kienu jsiru diversi *complaints* regolarment gie konfermat mix-xhieda li pproduca l-attur fosthom George Vella, Martin Grech, Noel Berry u Vincent Monaco. Dan ta' l-ahhar xehed li kellhom ilmenti dwar il-*wheelchairs* kemm qabel l-incident ta' l-attur kif ukoll wara. Xi granet qabel l-incident kellhom rapporti minn haddiema taghhom li kien hemm xi *wheelchairs* minghajr *brakes*. Kienu kitbu lill MIA fl-4 ta' Gunju 1998 Dok a fol 182 u ftit granet wara gara l-incident. Kien hemm okkazzjonijiet fejn il-*wheelchairs* bid-difett kienu gew *replaced* izda kien hemm okkazzjonijiet fejn ma kienx hemm bizzejjed u kellhom jahdmu b'dak li kien hemm. Il-MIA mhux dejjem kien ikollha bizzejjed biex

tissostitwixxi dawk li jkunu bil-hsara. Huma kienu kitbu diversi ittri fejn ilmentaw (ara fol 183-186).

Norman Cassar, Manager Operations mal MIA xehed li huma kienu jipprovvdi l-*wheelchairs* u anke l-*maintenance* taghhom. Fil-1993 kellhom 30 *wheelchair* gdid, 15 fl-*arrivals* u 15 fid-*departures*. Fil-1996 biddlu r-roti minn tal-arja ghall solid. Fin 1997 xtraw 10 *wheelchairs* ohra u fit-2000 15 ohra. Minn meta bdew fil-1992 sal lum xtraw total ta' 82 *wheelchair* biex ikollhom dejjem 30 *available* fis-sena. Minn dawn kien hemm dawk li jisparixxew, dawk li jinkisru u dawn li jnehhuhom.

Bhala *maintenance* kellhom *team* fuq *24 hours basis* u meta tigi rappurtata xi hsara mill-ewwel il-*wheelchair* imur fil-*workshop* jew fil-*basement* tal-*airport* u jirrangawh. L-*istructions* kienu li jekk ikun hemm xi *wheelchair* bil-hsara kellhom jinfurmawhom biex johorguh mis-servizz u jiehduh isfel ghal *maintenance* fit-*technical department*. Il-*complaints* kollha kienu jigu ghandu u fl-ghaxar snin kemm ilu hemm minn naha tal-Air Malta irceva biss zewg ittri minghand Vince Monaco datati 15/12/1997 u 4/6/1998. B'riferenza ghall ittra tal-1997 ippreciza li t-*tyres* kienu diga nbidlu ghal *solid*. L-ewwel darba li sema bil-kaz ta' l-attur kien meta irceva l-ittra ufficjali fis-26/4/2000. Mir records taghhom li ccekkja ma sab ebda *complaint* ta' Caruana. Il-procedura hija li meta jkun hemm *accident* fl-Airport huma jigu nfurmati mill-ewwel biex jaghmlu l-investigazzjoni taghhom u imbaghad jinfurmaw lill *insurance* bil-miktub . F'dan il-kaz hadd ma avzahom.

## KONSIDERAZZJONIJIET

### Responsabilita'

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur wegga meta huwa kien qed jahdem fuq il-post tax-xoghol waqt li hu kien qed juza *wheelchairs* provduti u mantnuti mill-konvenuti.

Jirrizulta li l-*wheelchair* li ntlaqat bih l-attur kien wiehed minghajr *brakes* u ghalhekk ma kienx *safe* li jintuza. L-attur jirritjeni li huwa ma setghax jaghmel mod iehor hlief li

juza dak il-*wheelchair* u ohrajn dakinhar billi ma kienx hemm ohrajn u kien gie nfurmat li jekk ma jahdimx bihom kien se jinzamm responsabbili ghal *delay* fiz-zbarkar tal-passiggieri.

L-attur xehed u huwa korroborat minn diversi xhieda prodotti minnu  li kien qed ikun hemm numru ta' *wheelchairs* li jkollhom difetti u li huma kienu ilhom zmien jilmentaw mas-superjuri taghhom dwar dana. Xhieda mill-Air Malta ikkonfermaw li kien hemm sensiela ta' ilmenti f'dan is-sens u li huma kienu nfurmaw b'dana lill MIA. Da parti taghha jidher li l-MIA  kien hemm okkazzjonijiet fejn il-*wheelchairs* bid-difett kienu gew *replaced* izda kien hemm okkazzjonijiet fejn ma kienx hemm bizzejjed u l-impjegati kellhom jahdmu b'dak li kien hemm. Il-MIA mhux dejjem kien ikollha bizzejjed biex tissostitwixxi dawk li jkunu bil-hsara (ara xhieda Vincent Monaco). L-Air Malta kienet tillmenta mal MIA kemm qabel l-incident kif ukoll wara l-incident (ara ittri ezibiti) izda l-posizzjoni baqghet insodisfacjenti.

Fil-ktieb Munkman's Employer's Liability at Common Law p. 129 l-awtur isemmi kazijiet fejn l-employer ikun naqas li jwettaq l-obbligi tieghu meta:

1. *"...it may be that the employer has done nothing at all to carry our his obligations."*
2. *" In the second place the employer may have been informed of a defect or danger, but done nothing to remedy it."*
3. *" Thirdly, the employer, knowing of a defect in his plant or premises, or of a danger in the course of work, may have taken inadequate measures to eliminate or reduce the risk.*
4. *"Fourthly, though the employer does not know that anything is wrong, it may be that he ought to know - that is he could have found our by reasonable care."*

Ghalhekk il-Qorti ssib li s-socjeta' konvenuta naqset meta wiehed jikkunsidra li nonostante l-fatt li kien hemm gja lmenti ghall-uzu ta' dawn il-*wheelchairs* difettuzi hija ma

haditx il-passi kollha necessarji biex tipprovi makkinarju li kien *safe* u adattat ghal uzu li kien qed isir minnhom.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuti kienu responsabbili billi kontra d-dettami tal-prudenza u tar-regolamenti hallew makkinarju ghall uzu b'mod li kien perikoluz minghajr dawn is-*safeguards* li huma maghrufa minn kull *bonus pater familias*.

**Responsabilita' kontributorja**

Il-konvenuti izda qed jirritjenu li anke jekk tinstab responsabilita da parti taghhom l-attur ikkontribwixxa ghall dana l-incident billi huwa ma hax il-prekawzjonijiet kollha u minflok ghazel li jahdem bil-*wheelchairs* meta kien jaf li dawn kienu difettuzi. Il-konvenuti jghidu li  ghalkemm l-attur kien  jaf li tnejn mill erba' *wheelchairs* li kellhu kienu bla *brakes* huwa xorta wahda tella l-erbgha *wheelchairs* f'daqqa f'ambulift u t-tnejn li kienu bla *brakes* qedhom ghalihom sabiex ikun jista' jzommhom b'saqajh. Huma jsostnu li l-attur messu l-ewwel nizzel zewg passiggieri bil-*wheelchairs* li kellhom il-*brakes* jahdmu imbaghad rega mar lura ghaz-zewg passiggiera l-ohra. Izda huwa ghazel li jnizzel erba passiggieri f'daqqa sabiex ikun jista' jehles ix-xoghol fi vjagg wiehed.

Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenuti li l-attur ma agixxiex responsabilment. Ma jirrizultax mill-provi li dak in nhar l-attur kien ikkomplenja jew rrifjuta li jahdem biz-zewg *wheelchairs* bla *brakes*. Hu ghazel minflok li jahdem b'erba' *wheelchairs* meta kien jaf li tnejn minnhom kienu bla *brakes* bil-perikolu li dana jimporta u li kien iddecieda li jikkontrolhom b'saqajh. Din ma kienitx procedura li persuna prudenti ghandha ssewgi. Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-attur li kien jaf b'dana l-perikolu, u bl-ezistenza ta' dawn il-*wheelchairs* bla *brakes* izda ha riskju u poggja lilu nnifsu f'perikolu.

**Konkluzzjoni responsabilita'**

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li kemm l-attur kif ukoll il-konvenuti kienu responsabbili ghall dana l-incident in

kwistjoni, b'mod izda li r-responsabilita' tal-konventi hija akbar billi apparti li kienu ma pprovvdewx makkinarju li kien *safe*, huma kienu gew imwissija biex jiehdu passi ha jirrangaw is-sitwazzjoni izda xorta wahda baqghu ma pprovvdewx *wheelchairs* tajbin. Ir-responsabilita' ghalhekk qed tigi spartita zewg terzi ghall konvenuti u terz ghall attur.

**Danni**

**Damnum Emergens**

Dwar danni l-attur qed jitlob Lm50 (fol 28) spejjez ta' Mr. Bernard; u sena u nofs *overtime* u l-Hdud fejn tat-tnejn kien jithallas Lm2 kull siegha u dawn kien jahdimhom darbtejn fix-xahar.

Is-socjeta' konvenuta tissottometti li l-attur diga thallas ghall beneficcju li kien ikun intitolat ghalihom li kieku hadem il-Hdud darbtejn fix-xahar. Dwar l-*overtime*, l-attur naqas li jressaq provi biex jindika kemm il-siegha *overtime* allegatament tilef f'dan il-perjodu ta' sena u nofs.

L-attur xehed li hu waqaf mix-xoghol wara l-incident u gie *boarded out* fl-20 ta' Marzu 2000 ghalhekk tilef *overtime* ta' sena u nofs u l-Hdud fejn jithallsu d-doppju u dawn darbtejn fix-xahar.

Illi mill provi prodotti jirrizulta (ara xhieda ta' Ernest Muscat) li l-attur kellu *gross pay* ta' Lm5638 fin 1998. Billi l-attur kien *injured on duty* hu ma tilef xejn mill-beneficcju tieghu u baqa' jithallas ghad li ma kienx qed jahdem; il-paga bazi u kwalunkwe beneficcju li jista jiehu, bis-*Sunday premium*, jew *night* hadhom , imma mhux l-overtime. Illi ghalhekk it-talba ta' l-attur ghall *extras* ma tistax tintlaqa, u lanqas dika ghall *overtime* billi l-ewwelnett dina mhiex dovuta bi dritt imma meta tinhadem u t-tieni l-attur ma ppruvax kemm il-siegha effettivament hadem fil-perjodu indikat.

**Lucrum Cessans**

L-attur qed jissottomettu li huwa kellu 51 sena meta gara l-incident u kien impjegat *full time* ma l-Air Malta. Hu kien jaqla' Lm5859 *gross* fis sena 1998 (fil-fatt Lm5638) u sofra dizabilita' permanenti ta' 3%.

Is-socjeta' konvenuta qed tissottometti li l-attur kien diga vittma ta' incident iehor precedenti dana in-kwistjoni u ghalhekk hu difficili jigi stability l-porzjon ta' dizabilita' permaneti li l-attur sofra f'dan l-incident u l-porzjoni imputabbili ghall incident l-iehor. Ghalhekk gie sottomess li l-persentagg ta' 3% ghandu jonqos. Il-konvenuti jissottomettu wkoll li l-paga gross ta' l-attur ghas-sena 1998 kienet ta' Lm5638 u mhux Lm5859

**Incident precedenti**

Dwar is-sottomissjoni tal-konvenuti li l-attur kellu incident precedenti u ghalhekk il-percentagg ta' disabilita' ghandu jonqos, ingabu dawn il-provi. Meta Dr. Grixti ezamina lill attur dana qallu li huwa qatt ma kellu ugiegh fl-irkoppa qabel l-incident in kwistjoni.

Fir-rapport ta' Dr. Bernard hemm imnizzel li l-attur "*had injured the knee two years previously when he knelt on a stud in a plane…. Mr. Caruana injured his left knee at work in June 1998 and has complained of persistent pain in the knee since then, although it had started to swell after a previous injury at work when he had knelt on a stud in a plane*".

Fil-Qorti Dr. Bernard qal li hu ma kienx ra lill attur meta kellu l-ewwel *injury* pero' ma jhossx li dina kienet konsistenti ma li kellu issa.

In vista tax-xiedha prodotta l-Qorti tikkonkludi li l-incident precedenti ma nfluwixxiex fuq l-incident mertu ta' dina l-kawza u ghalhekk l-percentagg ghandu jibqa 3%.

L-attur kellu 51 sena meta gara l-incident ghalhekk il-Qorti taqbel li l-attur kellu *working life capacity* ta' ghaxar (10) snin ohra.

Kwantu ghall paga l-Qorti ser tikkalkula a bazi ta’ paga Lm6200 biex tiehu in konsiderazzjoni aggustament ghall inflazzjoni b’10%.

**Riepilogu**

**Qliegh      Multiplier         Dizabilita’  Lump Sum**

**Lm6,200   x       10 sena    x                3%**
**12%       Lm1636**

**Responsabilita’ zewg terzi ghall konvenuti -  Lm1091**

Damnum Emergens            Lm     50
Lucrum Cessan                Lm 1091

**Total                       Lm1141**

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi;
il-Qorti tiddeciedi
billi tiddikjara lill-attur u lill konvenuti responsabbli ghall-incident fuq imsemmi, zewg terzi tort tal-konvenuti u terz ta’ l-attur.
Tillikwida dawn id-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta’ elf mija wiehed u erbghin lira Maltin (Lm1,141)
u tikkundanna lill konvenuti jhallsu l-ammont hekk likwidat lill attur.

Bl-ispejjes skond ir-rispettivi rebh u telf. u bl-imghax mid-data tas-sentenza sad data tal-eventwali pagament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------